# Is-Surmast Giovanni Gatt
# F'Għeluq id-90 Sena minn Mewtu



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fl-istorja glorjuża tal-Għaqda Filarmonika 'Prince of Wales Own' niltaqgħu ma' ħafna surmastrijiet magħrufin, kemm Maltin, kif ukoll barranin, u li lkoll ħallewlna xogħlijiet bandistiċi mill-isbaħ u ta' valur bħala patrimonju. Wieħed minn dawn kien proprju Mro Giovanni Gatt, li mexxa 'l dil-banda għal tmien snin sħaħ bejn l-1924-32, u li dis-sena jaħbat għeluq id-90 sena minn mewtu. Minbarra dil-banda Vittorjożana hu kien imexxi wkoll oħrajn, fosthom waħda Tuneżina. Dal-artiklu jagħti ħarsa sewwa lejn ħajjet u ħidmet das-surmast bravu li għamel isem għalih u għal pajjiżu fejn tidħol l-arti sabiħa tal-mużika.

Kliem muftieħ: Il-Birgu, Għaqda Filarmonika 'Prince of Wales Own'. Mro Giovanni (Ġanni, Jean, John) Gatt, University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Filarmonika 'Prince of Wales Own' (Il-Birgu), Għaqda Każini tal-Banda


Giovanni Gatt

Profil tas-surmast Giovanni (Ġanni, Jean, John) Gatt (?-?.xi.1930[1]): Skont RMB, Mro Gatt kien wieħed mill-alljevi t-tajbin nett li ħarġu mill-iskola tal-mużika ta' Mro Pawlin Vassallo (1856-1923). Għal xi żmien mhux magħruf, Gatt kien jidderieġi l-Banda Maltija 'Duke of Connought's Own'[2] ta' Tuneż, it-Tuneżija, u fi kliem RMB, tant kien 'rispettat u magħruf b'awtorità fl-arti mużikali', li meta ġie biex isiefer minn Tuneż għal Malta, 'bħala apparezzament, il-kolonja Maltija organizzat f'ġieħu *Aperitif d'Honneur*', u li għaliha saħansitra kien hemm mistieden il-viċi konslu Ingliż. RMB jgħid ukoll, li meta miet kienu 'sarulu funerali rappreżentattivi kif kien jixraqlu'.[3]

Fit-tabella t'hawn taħt insibu lista ta' dawk l-erba' baned, waħda minnhom barranija, li kienu jaqgħu taħt il-bakketta tas-surmast Gatt. Fil-każ ta' dik Ġirbija, l-irħama kbira li hemm bil-lista ta' surmastrijiet fuqha fl-intrata tal-Każin insibu li Mro Gatt laħaq surmast wara Mro Aurelio Doncich fl-1924, u li dam sal-1932, meta mbagħad il-banda għaddiet f'idejn Mro Emmanuel Costantino. Qabelxejn, tajjeb ngħidu li Mro Gatt ħa d-direzzjoni tagħha lejn l-aħħar tas-sena msemmija, i.e. fit-12 ta' Diċembru.[4] Dan ifisser li l-ħatra tiegħu saret ftit aktar minn ġimagħtejn biss 'il bogħod minn sena ġdida – 1925. Imma l-aktar problematika hi d-data tat-tluq tiegħu minn ma' dil-banda, għax filwaqt li RMB jgħid li miet f'Novembru tal-1930, mhux l-istess tgħid l-irħama. Fil-ktieb

---

[1] Skont Robert Mifsud Bonnici (RMB), Mro Giovanni Gatt miet f'Novembru tal-1930. ('Ġrajja ta' Baned f'Malta u Għawdex, l-ewwel ktieb (Giovanni Muscat, 1956, p.58)
[2] Aktarx li dil-banda twaqqfet fil-bidu tas-seklu l-ieħor minn Mro Antonio (Nonu) Micallef (1867-1940).
[3] 'Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u tal-Lum': Giov. Muscat, 1951, p.58.
[4] Gerald Cacciotolo: 'L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex', l-ewwel volum, p.61.

ta' Joseph Grech[5] ukoll insibu mniżżla d-data tal-1932 li fiha Mro Gatt iddimetta minn dil-kariga. Mill-banda l-oħra, Cacciottolo jagħtina x'nifhmu li Mro Gatt seta' telaq qabel meta jgħid: 'Sal-1932 il-Banda kienet mingħajr Direttur stabbilit u għalhekk inħatar Mro Emmanuel Costantino, l-Assistent Surmast, biex jieħu f'idejh id-direzzjoni, li dam sal-1937.' Wieħed irid jifhem ukoll, li dan kollu ġara bejn iż-żewġ gwerer dinjija, fi żmien meta l-qagħda politika Ewropea kienet waħda mwiegħra, bis-surmastrijiet Taljani mġiegħlin jirritornaw lejn art twelidhom minħabba l-Faxxiżmu li kulma jmur beda jgħolli rasu. Mill-banda l-oħra, i-ħatra ta' Mro Vinċenzu Ciappara tidher li saret daqs sena qabel ma faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija.

| Tabella nru 1: Baned li mexxa Mro Giovanni Gatt | | |
|---|---|---|
| | | |
| Żmien | Banda | Pajjiż |
| | | |
| 1906-11 | Soċjetà Filarmonika Pinto Banda 'San Bastjan' | Ħal Qormi |
| | Duke of Connought's Own | Tuneż |
| 1924-32 | Għaqda Filarmonika 'Prince of Wales Own' | Il-Birgu |
| 1928 | Soċjetà Mużikali 'Queen's Own' | L-Isla |

**Soċjetà Filarmonika Pinto Banda 'San Bastjan' (Ħal Qormi)** [1906-11]: Mro Gatt kien is-seba' surmast wara Mro Kav. Alfred Parkimon Hare (1865-1932). Skont Peresso[6], il-ħatra ta' Gatt, għadu żagħżugħ, daħħlet lis-Soċjetà fl-għawġ peress li l-viċi president ta' dak iż-żmien, ċertu Andrea Abela, ma kienx qabel magħha. Dan wassal biex il-president irriżenja, bil-biċċa kbira tal-kumitat u tal-bandisti telqu mill-każin u marru f'post ġdid, fejn ħatru 'l-Kavallier Ġużeppi (Ġużè) Muscat Azzopardi (1853-1927), minn Ħal Qormi, bħala president tagħhom. Huma għammdu 'l-każin tagħhom ukoll bħala 'Pinto', bir-riżultat li fl-istess raħal kien hemm żewġ każini bl-istess isem, iżda b'laqmijiet differenti; dik tas-Surmast Gatt, "Tal-Qalba", u l-oħra, immexxija minn Mro Kav. Vincenzo (Ċensu) Carabott (1844-1914), "Taz-Zokk", b'Abela bħala president. L-affari spiċċat il-qorti, bil-kawża tinqata' favur "Tal-Qalba" fl-1911, b'Gatt jispiċċa minn surmast.



Meta jitla' s-siparju Pawlu kien artist brillanti u ma jara xejn ħlief is-suċċess

Iżda, fost ix-xogħlijiet sbieħ u kbar li Gatt ħalla 'l dil-banda Qormija nsibu l-*Inno a San Giorgio* li hu kkompona fuq versi bit-Taljan ta' Muscat Azzopardi, u li ġie eżegwit għall-ewwel darba waqt programm mużikali l-Ħadd, 21 t'April 1907, kantat mit-tenur Bajjada[7]. Dal-innu glorjuż f'ġieħ San Bastjan Martri għadu jindaqq sal-ġurnata tal-lum lejlet il-festa tiegħu fuq versi bil-Malti ta' Pawlu Sammut[8] "Il-Lajdi" (2.6.1902-1.2.1977), li ddedikah 'il dal-qaddis meta ġie biex jeqilbu għal ilsienna wara li spiċċat it-II Gwerra Dinjija. Minn

[5] 'Il-Każini tal-Baned ta' Malta u Għawdex' (PIN, 2001), p.37.
[6] 'L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex', l-Ewwel Volum (PIN, 1997), p.80.
[7] Ktieb tal-festa 2007: Soċjetà Filarmonika Pinto, Banda San Sebtastjan, Ħal Qormi.
[8] Twieled Ħal Qormi minn Ġużeppi u Ġużeppa Attard. Iżżewweġ lil Giaele Barbara fl-1927 u kellhom ħames ulied. Kien jaħdem bħala pustier f'raħlu stess, u aktar tard fid-distrett tal-Ħamrun. Kiteb għadd kbir ta' drammi, kummiedji soċjali u makkjetti għall-palk u għar-Rediffusion, fejn rebaħ bosta konkorsi bħala attur u/jew awtur. Kellu diversi għaqdiet teatrali, fosthom *Id-Dehen*, li fihom spiss kien jeżegwixxi programmi, bil-flus jmorru kollha għall-bini tal-knisja ta' San Bastjan. Eżegwixxa wkoll programmi f'ħafna swali parrokkjali, mexxa programmi teatrali maż-żgħażagħ Beltin, flimkien mal-Mons. Dun Salv Laspina, fil-Belt u fl-Istitut Kattoliku, u esebixxa ħafna minn xogħlijietu fit-Teatru Manoel. Għal xi żmien, kien joħroġ il-ġurnal umoristiku *Iċ-Ċajtier*, u wara ngħaqad ma' *Dottor Brombos* f'ġurnal wieħed bl-isem ta' *Dottor Brombos iċ-Ċajtier*. Pawlu kien idoqq ukoll il-klarinett u l-ottavin mal-banda Pinto, il-kornu mal-banda Ġużeppina Ħamruniża, u l-mandolina mal-*Għaqda Mandolinistika San Ġużepp*, imwaqqfa mis-surmast Willie Attard (1899-1970).

intervista[9] li kont għamilt ’il Vitorja, il-bint iż-żgħira ta’ Pawlu, insiru nafu li xogħol Pawlu ‘ma kienx li joqgħod jittraduċi l-innu kelma b’kelma għall-Malti. Minflok, hu ħoloq eloġju ta’ tifħir ’il dal-Qaddis.’ L-Innu kif inhu llum, iddedikat lil San Sebastjan Martri, iżżanżan waqt programm bandistiku nhar is-Sibt, 7 ta’ Lulju, 1945 mill-banda ‘Pinto’ taħt il-bakketta tas-Surmast Kav. Ġużeppi Busuttil (1894-1960), u tkanta mit-tenur Joseph Buttigieg. Iżda sa qabel il-Gwerra, l-Innu kien għadu ddedikat f’ġieħ San Ġorġ. Dan peress li sa dak iż-żmien kien għad hemm biss parroċċa waħda Qormija u l-banda ‘Pinto’ kienet għadha tagħti sehemha f’dil-festa titulari.

**Għaqda Filarmonika ‘Prince of Wales Own’, Il-Birgu** [1924-32]: Mro Gatt kien l-għaxar surmast wara Mro Aurelio Doncich (1865-1944). Għad li dwar ħajtu u ħidmietu ma tantx nafu, RMB[10] talanqas jgħarrafna bil-progress kbir li dil-banda kienet qiegħda tagħmel taħt id-direzzjoni tiegħu. U bħala eżempju hu jġib il-programm li kien sar is-Sibt, 5 ta’ Mejju, 1926, imwettaq fi Pjazza Reġina, li fih indaqqew dax-xogħlijiet, ħafna minnhom traskrizzjonijiet għall-banda minnu stess (fejn hemm immarkati bl-istilla [*] warajhom): Marcia, isimha mhux magħruf, ta’ Mro Gatt stess; Sinfonia ‘Unfinished’ (Schubert); Fantasia ‘Tosca’ (Puccini); Intermezzo ‘Amor Fatale’* (Vassallo); Grand Selection ‘Lohengrin’ (Wagner); Danza ‘Ondine Loreley’ (Catalani); ‘Karmesse Flemande’[11]* (Von Goel[12]); ‘Mediation’* (Gillet); ‘Suite Tzigane’* (Gracey).



Qoxra tal-partitura tal-innu-marċ 'Lill Malta' (1926) ta’ Mro Gatt

Fl-istess żmien li Mro Gatt mexxa ’l dil-banda Vittorjożana kien qabeż għal Mro Pacifico Scicluna (1876-1957), li kien għadu kemm laħaq surmast tal-banda Vittorjożana ‘San Lawrenz’, fil-ġlieda għall-għażla ta’ surmastrijiet Maltin. Kollox kien beda meta fil-ġurnal Ingliż *Malta Herald* deher artiklu minn ċertu *Musician*, fejn dan sostna li kien jinħtieġ l-ingaġġ ta’ surmastrijiet barranin jekk il-baned Maltin riedu li jimxu ’l quddiem fit-triq tal-progress. Fl-istess artiklu hu kien qal ukoll li min ma jagħmilx hekk ikun moħħu magħluq, b’insult għall-kumitati tal-każini tal-banda u għas-surmastrijiet Maltin. Mro Gatt kien irritalja bl-ikrah għal dil-ittra billi wieġeb li s-surmastrijiet Maltin huma intelliġenti u kapaċi daqs, jekk mhux aktar, minn dawk barranin. U dan minkejja li f’Malta ma kienx hawn konservatorju bħal ta’ barra għat-taħriġ avvanzat fl-arti mużikali; kif għadna mingħajr wieħed sal-ġurnata tal-lum. Dal-battibekk bejn Mro Gatt u *Musician* baqa’ sejjer għal xi żmien, fejn tal-aħħar ma laqax l-isfida ta’ Mro Gatt għal dibattitu pubbliku biex fih setgħu jintwerew il-ħiliet ta’ surmastrijiet Maltin f’dik li hi direzzjoni u interpretazzjoni ta’ bċejjeċ mużikali ta’ kull xorta. M’għandniex xi ngħidu li l-intenzjoni ta’ Mro Gatt kienet li mhux biss jiddefendi l-unur tiegħu stess, imma anki ta’ surmastrijiet Maltin oħrajn bħalu. Ma ninsewx li mal-banda ‘Prince of Wales’ biss kienu ġew ingaġġati tliet surmastrijiet barranin: Mro Raffaele Ricci (1839-1904), Mro Giuseppe Monterosso, u Mro Aurelio Doncich (1865-1944).

**Soċjetà Mużikali ‘Queen’s Own’ (illum ‘La Vincitrice’), tal-Isla** [1928]: Jidher li għal xi żmien qasir ħafna, Mro Gatt kien idderieġa ’l dil-banda Sengleana wkoll bħala d-disa’ surmast wara Mro Giuseppe Vitaliti (?-?) u qabel Mro Reginaldo Caffarelli (1891-1960). Wisq probabbli għamilha ta’ aġent surmast sakemm Caffarelli ħa post Vitaliti, it-tnejn surmastrijiet Taljana, kif kienet il-moda li jinħatru dak iż-żmien ta’ qabel u wara l-Ewwel Gwerra Dinjija.

---

[9] L-intervista saret il-Ħamis filgħodu, 16 ta’ Ġunju, 2016, fid-dar fejn kien joqgħod missierha Pawlu, ta’ 32, Triq Dun Nerik Cordina Perez, il-Ħamrun.

[10] ‘Mużiċist Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u Tal-lum’ (Giov. Muscat, 1951), p.58.

[11] It-titlu ta’ dax-xogħol irid jiġi jaqra *Kermesse Flamande* Op.62.

[12] Ismu miktub ħażin u jrid jiġi Henri van Gael (1860-1918), kompożitur Belġjan.

**Banda 'Papa Piju X', Ħal Lija**: Mro Gatt kien wieħed ukoll minn dawk li applikaw għal surmast mal-banda Lijana fl-1906, flimkien ma' sitt surmastrijiet rinomati oħra, uħud fosthom ta' nazzjonalità Taljana: Mro Gregorio Molinari (?-?), Mro Giuseppe Filiberti (?-?), Mro Francesco Parisi (?-?), Mro George Hendren (1.xi.1885-1922), Mro Antonio Miruzzi (10.iii.1867 [Furjana]-23.x.1944 [Ħamrun]), Mro Gaetano Emanuele Calì (17.vi.1885 [Katanja]-1.v.1936 [Sirakuża]). Il-kummissjoni mwaqqfa apposta għall-għażla ta' surmast kienet għażlet lil Miruzzi fil-kariga ta' direttur wara li minn *Società Mandolinistica – Fior d'Arancio* ġiet trasformata f'banda formali kif nafuha llum.

Xogħlijiet oriġinali: Fl-arkivju tas-Soċjetà Dumnikana Ġirbija, apparti traskrizzjonijiet għall-banda, insibu xi xogħlijiet mill-pinna ta' Mro Gatt:

| Tabella nru 2: Xogħlijiet oriġinali | | | |
|---|---|---|---|
| | Data | Isem | Ġeneru |
| | | | |
| 1 | 1920.10.?? | Africa | Grande Marcia Sinfonica |
| 2 | 1921.06.11 | Scherzo Zingaresco | |
| 3 | 1925.06.06 | Lux | Preludio Sinfonico |
| 4 | 1926.06.19 | Lill (sic) Malta | Innu-Marcia |
| 5 | 1928.03.14 | Pensée D'Amour | Sérénade |
| 6 | 1928.05.16 | "Generale Primo de Rivera" | Marcia |
| 7 | 1928.05.31 | Costantinople | Marcia Semi Sinfonica |



Qoxra tal-partitura tal-Grande Marcia Sinfonica 'Africa' (1920) ta' Mro Gatt

Isem das-surmast ġieli nsibuh imniżżel bħala Giovanni (bħal fil-każ ta' nri 1 u 2). Iżda peress li għal xi żmien hu kien jidderieġi l-banda Tuneżina 'Duke of Connought's Own', u li sa dak iż-żmien dal-pajjiż kien għadu kolonja Franċiża – it-Tuneżija ħadet l-indipendenza tagħha fl-20 ta' Marzu 1957 – Mro Gatt għażel li jibda jniżżel ismu b'dil-lingwa: Jean (bħalma nsibu fuq l-ewwel paġna tal-partituri 3-7). Jerġa', in-nies tal-Kottonera kienu jsibuh/jsejħulu komunement bħala Ġanni. Anki wħud mix-xogħlijiet tiegħu kien isemmihom bil-Franċiż, bħal fil-każ ta' nri 5 u 7. Ix-xogħol nru 5 hu l-uniku wieħed mgħammed b'isem Malti, immużikat fuq poeżija ta' Dun Ġużepp Farrugia; wieħed għad irid ifittex għal-liema okkażjoni dal-innu-marċ inkiteb. Il-bqija tax-xogħlijiet (nri 1, 2 u 6) ngħatalhom isem bit-Taljan kif aktarx kienet id-drawwa li jagħtuhom dak iż-żmien bejn iż-żewġ gwerer. Fil-każ ta' nru 3, Lux(e) bil-Franċiż tfisser 'lussu', imma kif inhi miktuba, bil-Latin tfisser 'dawl'. L-erba' xogħlijiet minn numri 4-7, Mro Gatt kitibhom meta kien diġà laħaq surmast tal-banda 'Prince of Wales Own'. Għaldaqstant, wieħed irid jara eżatt x'kienu l-okkażjonijiet li għalihom ġew miktuba.

Fl-aħħar paġna fejn tispiċċa l-mużika, Mro Gatt ġieli kien iniżżel l-għadd ta' battuti li jkun fiha bl-għan li ma jeħux żbalji meta jiġi biex joħroġ l-ispartit. Kien iniżżel ukoll il-kelmiet *Deo gratias* tax-xogħol li jkun għadu kif wettaq, kif ukoll il-firma tiegħu (Giov. Gatt), imsieħba mid-data ta' meta kitibha (jew lesta milli jiktibha), u l-post fejn kitibha: Vittoriosa, Malta. Fil-każ ta' nru 2, niżżel li kitibha t-Tuneżija.

Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Ġirbin fl-okkażjoni tal-festa ta' San Duminku li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata fil-Belt Vittoriosa.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)